Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2017/1509

tat-30 ta' Awwissu 2017

dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 329/2007

(ĠU L 224, 31.8.2017, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1548 tal-14 ta' Settembru 2017	L 237	39	15.9.2017
►M2	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1568 tal-15 ta' Settembru 2017	L 238	10	16.9.2017
►M3	Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1836 tal-10 ta' Ottubru 2017	L 261	1	11.10.2017
►M4	Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1858 tas-16 ta' Ottubru 2017	L 265I	1	16.10.2017
►M5	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1859 tas-16 ta' Ottubru 2017	L 265I	5	16.10.2017
►M6	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1897 tat-18 ta' Ottubru 2017	L 269	1	19.10.2017
►M7	Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2062 tat-13 ta' Novembru 2017	L 295	4	14.11.2017
►M8	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/12 tat-8 ta' Jannar 2018	L 4	1	9.1.2018
►M9	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/53 tat-12 ta' Jannar 2018	L 10	1	13.1.2018
►M10	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/87 tat-22 ta' Jannar 2018	L 16I	1	22.1.2018
►M11	Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/285 tas-26 ta' Frar 2018	L 55	1	27.2.2018
►M12	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/286 tas-26 ta' Frar 2018	L 55	15	27.2.2018
►M13	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/324 tal-5 ta' Marzu 2018	L 63	1	6.3.2018
►M14	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/548 tas-6 ta' April 2018	L 91	2	9.4.2018
►M15	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/602 tad-19 ta' April 2018	L 101	16	20.4.2018
►M16	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/714 tal-14 ta' Mejju 2018	L 120	1	16.5.2018
►M17	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/814 tal-1 ta' Ġunju 2018	L 137	1	4.6.2018
►M18	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1009 tas-17 ta' Lulju 2018	L 181	1	18.7.2018
►M19	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1074 tat-30 ta' Lulju 2018	L 194	32	31.7.2018
►M20	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1231 tat-13 ta' Settembru 2018	L 231	11	14.9.2018
►M21	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1284 tal-24 ta' Settembru 2018	L 240	2	25.9.2018
►M22	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1606 tal-25 ta' Ottubru 2018	L 268	20	26.10.2018

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 251, 29.9.2017, p. 29 (2017/1568)
►**C2** Emendi, Ġ.U. L 309, 24.11.2017, p. 21 (2017/1836)
►**C3** Emendi, Ġ.U. L 7, 12.1.2018, p. 41 (2017/1509)
►**C4** Emendi, Ġ.U. L 36, 9.2.2018, p. 38 (2018/12)
►**C5** Emendi, Ġ.U. L 102, 23.4.2018, p. 96 (2018/286)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2017/1509

tat-30 ta' Awwissu 2017

dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 329/2007

KAPITOLU I

Definizzjonijiet

Artikolu 1

Dan ir-Regolament għandu japplika:

(a) fit-territorju tal-Unjoni;

(b) abbord kull inġenju tal-ajru jew bastiment fil-ġurisdizzjoni ta' xi Stat Membru;

(c) għal kull persuna fit-territorju tal-Unjoni jew lil hinn minnu li tkun ċittadina ta' Stat Membru;

(d) għal kull persuna, entità jew korp ġuridiku, ġewwa jew barra mit-territorju tal-Unjoni, li jkunu inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru;

(e) għal kull persuna, entità jew korp ġuridiku fir-rigward ta' kwalunkwe kummerċ imwettaq, kollu kemm hu jew parti minnu, fl-Unjoni.

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "fergħa" ta' istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu tfisser post ta' negozju li jifforma parti legalment dipendenti minn istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu u li jwettaq direttament it-tranżazzjonijiet kollha, jew parti minnhom, inerenti fin-negozju ta' istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu;

(2) "servizzi ta' senserija" tfisser:

(a) in-negozjar jew l-arranġament ta' tranżazzjonijiet għax-xiri, għall-bejgħ jew għall-provvista ta' prodotti u ta' teknoloġija jew ta' servizzi finanzjarji u tekniċi, inkluż minn pajjiż terz lejn kwalunkwe pajjiż terz ieħor; jew

(b) il-bejgħ jew ix-xiri ta' prodotti u teknoloġija, jew ta' servizzi finanzjarji u tekniċi, inkluż fejn jinsabu f'pajjiżi terzi għat-trasferiment tagħhom għal pajjiż terz ieħor;

(3) "pretensjoni" tfisser kull talba, kemm jekk asserita bi proċeduri legali kif ukoll jekk le, skont jew b'rabta ma' kuntratt jew tranżazzjoni, u b'mod partikolari tinkludi:

(a) pretensjoni għall-eżekuzzjoni ta' kull obbligu li jirriżulta minn kuntratt jew tranżazzjoni, jew b'rabta ma' wieħed minnhom;

(b) pretensjoni għall-proroga jew għall-ħlas ta' bond, garanzija finanzjarja jew indennizz ta' kull forma;

▼B

(c) pretensjoni għal kumpens fir-rigward ta' kuntratt jew tranżazzjoni;

(d) kontropretensjoni;

(e) talba għar-rikonoxximent jew l-infurzar, inkluż bil-proċedura ta' exequatur, ta' sentenza, deċiżjoni arbitrali jew deċiżjoni ekwivalenti, irrispettivament minn fejn issir jew tingħata;

(4) "awtoritajiet kompetenti" tirreferi għall-awtoritajiet kompetenti kif identifikati fuq is-siti web elenkati fl-Anness I;

(5) "kuntratt jew tranżazzjoni" tfisser kwalunkwe tranżazzjoni ta' liema forma tkun u tkun xi tkun il-liġi applikabbli, kemm jekk tikkonsisti f'kuntratt wieħed jew aktar jew f'obbligi simili magħmula bejn l-istess partijiet jew differenti; għal dan l-iskop, "kuntratt" tinkludi bond, garanzija jew indennità, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennità finanzjarja, u kreditu, kemm jekk legalment indipendenti kif ukoll jekk le, kif ukoll kull dispożizzjoni relatata li taqa' taħt it-tranżazzjoni jew b'konnessjoni magħha;

(6) "istituzzjoni ta' kreditu" tfisser istituzzjoni ta' kreditu kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], inkluż il-fergħat tagħha, kif definiti fil-punt (17) tal-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament, li tinsab fl-Unjoni, kemm jekk l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun jinsab fl-Unjoni jew f'pajjiż terz;

(7) "missjonijiet diplomatiċi, karigi konsulari u l-membri tagħhom" għandha l-istess tifsira bħal fil-Konvenzjoni ta' Vjenna tal-1961 dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi u l-Konvenzjoni ta' Vjenna tal-1963 dwar ir-Relazzjonijiet Konsulari, u tinkludi wkoll missjonijiet tar-RDPK għal organizzazzjonijiet internazzjonali ospitati fl-Istati Membri u l-membri tar-RDPK ta' dawk il-missjonijiet;

(8) "riżorsi ekonomiċi" tfisser assi ta' kull xorta, tanġibbli jew intanġibbli, mobbli jew immobbli, reali jew potenzjali, li mhumiex fondi iżda li jistgħu jintużaw għall-akkwist ta' fondi, prodotti jew servizzi, inklużi bastimenti bħal bastimenti marittimi;

(9) "istituzzjoni finanzjarja" tfisser

(a) intrapriża, għajr istituzzjoni ta' kreditu, li twettaq azzjoni waħda jew aktar minn dawk elenkati fil-punti (2) sa (12), (14) u (15) tal-Anness I għad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], inkluż l-attivitajiet ta' uffiċċji ta' kambju tal-munita (bureaux de change);

[1] Ir-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

[2] Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

▼B

(b) impriża tal-assigurazzjoni kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), sa fejn hija twettaq attivitajiet tal-assigurazzjoni tal-ħajja koperti minn dik id-Direttiva;

(c) ditta ta' investiment kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

(d) intrapriża ta' investiment kollettiv li tikkummerċjalizza l-unitajiet jew l-ishma tagħha;

(e) intermedjarja tal-assigurazzjoni kif definita fil-punt (5) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) fejn tagixxi fir-rigward tal-assigurazzjoni tal-ħajja u servizzi oħra relatati mal-investiment, bl-eċċezzjoni ta' intermedjarju marbut ta' assigurazzjoni kif definit fil-punt (7) ta' dak l-Artikolu;

(f) fergħat, meta jinsabu fl-Unjoni, ta' istituzzjonijiet finanzjarji kif imsemmija fil-punti minn (a) sa (e), kemm jekk l-uffiċċju prinċipali tagħhom ikunu jinsab fi Stat Membru kif ukoll jekk ikun jinsab f'pajjiż terz;

(10) "iffriżar ta' riżorsi ekonomiċi" tfisser il-prevenzjoni tal-użu ta' riżorsi ekonomiċi għall-akkwist ta' fondi, prodotti jew servizzi b'kull mod, inkluż, iżda mhux limitat għall-bejgħ, il-kiri jew l-użu tagħhom bħala ipoteka;

(11) "iffriżar ta' fondi" tfisser il-prevenzjoni ta' kwalunkwe moviment, trasferiment, alterazzjoni, użu ta', aċċess għal, jew negozju b'fondi bi kwalunkwe mod li jirriżulta f'xi bidla fil-volum, fl-ammont, fil-lok, fid-dritt tal-proprjetà, fil-pussess, fil-karattru, fid-destinazzjoni tagħhom jew f'bidla oħra li tippermetti l-użu tal-fondi, inkluża l-immaniġġar ta' portafoll;

(12) "fondi" tfisser assi finanzjarji u benefiċċji ta' kull xorta, li jinkludu lil dawn li ġejjin, iżda mhumiex limitati għalihom:

(a) flus kontanti, ċekkijiet, pretensjonijiet fuq flus, kambjali, ordnijiet ta' flus u strumenti oħra ta' ħlas;

(b) depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet oħra, bilanċi fuq kontijiet, dejn u obbligi ta' dejn;

(c) titoli u strumenti ta' dejn innegozjati pubblikament u privatament, inkluż l-istokks u l-ishma, iċ-ċertifikati li jirrappreżentaw titoli, bonds, noti, warrants, obbligazzjonijiet (debentures) u kuntratti tad-derivattivi;

([1]) Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

([2]) Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1).

([3]) Id-Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2002 dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni (ĠU L 9, 15.1.2003, p. 3).

▼B

(d) imgħax, dividendi jew introjtu ieħor minn assi jew valur li jirriżulta minnhom jew li huwa ġġenerat minnhom;

(e) kreditu, dritt ta' tpaċija, garanziji, garanziji tal-eżekuzzjoni jew impenji finanzjarji oħra;

(f) ittri ta' kreditu, poloz tat-tagħbija, poloz ta' bejgħ;

(g) dokumenti li jagħtu prova ta' interess f'fondi jew riżorsi finanzjarji;

(13) "assigurazzjoni" tfisser intrapriża jew impenn fejn persuna fiżika jew ġuridika waħda jew aktar ikunu obbligati, bi ħlas, li jipprovdu lil persuna waħda oħra jew aktar, fil-każ tal-materjalizzazzjoni ta' riskju, b'indennizz jew benefiċċju kif determinat mill-intrapriża jew l-impenn;

(14) "servizzi ta' investiment" tfisser is-servizzi u l-attivitajiet li ġejjin:

(a) ir-riċeviment u t-trażmissjoni tal-ordnijiet b'rabta ma' strument finanzjarju wieħed jew iktar;

(b) l-eżekuzzjoni tal-ordnijiet f'isem il-klijenti;

(c) in-negozju li jsir minn xi ħadd għal rasu;

(d) l-immaniġġar tal-portafolli;

(e) konsulenza dwar l-investiment;

(f) is-sottoskrizzjoni ta' strumenti finanzjarji u/jew it-tqegħid tal-istrumenti finanzjarji fuq bażi ta' impenn sod;

(g) it-tqegħid ta' strumenti finanzjarji mhux fuq bażi ta' impenn sod;

(h) kull servizz relatat mal-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat jew negozjar f'faċilità multilaterali tan-negozjar;

(15) "riċevitur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tkun ir-riċevitur maħsub tat-trasferiment tal-fondi;

(16) "pagatur" tfisser persuna li jkollha kont tal-pagamenti u tippermetti trasferiment ta' flus minn dak il-kont tal-pagamenti, jew, fejn ma jkun hemm l-ebda kont tal-pagamenti, li tagħti ordni għat-trasferiment ta' fondi;

(17) "fornitur tas-servizzi ta' pagament" tfisser il-kategoriji ta' fornitur tas-servizzi ta' pagament imsemmijin fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jibbenefikaw minn eżenzjoni skont l-Artikolu 26 tad-Direttiva 2007/64/KE u persuni ġuridiċi li jibbenefikaw minn eżenzjoni skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), li jipprovdu servizzi għat-trasferiment ta' fondi;

([1]) Id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern (ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1).

([2]) Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7).

▼B

(18) “riassigurazzjoni” tfisser l-attività li tikkonsisti f'li jiġu aċċettati r-riskji mgħoddija minn intrapriża ta' assigurazzjoni jew minn intrapriża ta' riassigurazzjoni oħra, jew fil-każ tal-assoċjazzjoni ta' sottoskritti magħrufa bħala Lloyd's, l-attività tikkonsisti fl-aċċettazzjoni ta' riskji, mgħoddija minn kwalunkwe membru ta' Lloyd's, minn intrapriżi ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni għajr mill-assoċjazzjoni ta' assiguraturi magħrufa bħala Lloyd's;

(19) “servizzi inċidentali għal” tfisser servizzi mogħtija fuq bażi ta' tariffa jew kuntratt minn unitajiet involuti prinċipalment fil-produzzjoni ta' oġġetti li jistgħu jiġu ttrasportati, kif ukoll servizzi li tipikament ikunu relatati mal-produzzjoni ta' tali oġġetti;

(20) “sid ta' bastiment” tfisser is-sid irreġistrat ta' bastiment li jbaħħar, jew kwalunkwe persuna oħra bħall-bareboat charterer, li huwa responsabbli għall-operat tal-bastiment:

(21) “assistenza teknika” tfisser kull appoġġ tekniku relatat ma' tiswijiet, żvilupp, manifattura, muntaġġ, ittestjar, manutenzjoni, jew kull servizz tekniku ieħor, u tista' tieħu forom bħal istruzzjoni, pariri, taħriġ, trażmissjoni ta' tagħrif prattiku jew ħiliet jew servizzi ta' konsulenza; inklużi forom verbali ta' assistenza;

(22) “territorju tal-Unjoni” tfisser it-territorji tal-Istati Membri li għalihom huwa applikabbli t-Trattat, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħhom;

(23) “trasferiment ta' fondi” tfisser:

(a) kull tranżazzjoni li mill-inqas parzjalment hija imwettqa b'mezzi elettroniċi f'isem pagatur permezz ta' fornitur tas-servizzi ta' pagament, bil-għan li l-fondi jkunu disponibbli għal benefiċjarju permezz ta' fornitur tas-servizzi ta' pagament, irrispettivament jekk il-pagatur u l-benefiċjarju humiex l-istess persuna u irrispettivament minn jekk il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur u dak tal-benefiċjarju humiex l-istess, inklużi:

(i) trasferiment ta' kreditu kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(ii) debitu dirett kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 260/2012;

(iii) ħlas ta' flus kif definit fil-punt (13) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64/KE, kemm nazzjonali jew transfruntier;

(iv) trasferiment li jsir bl-użu ta' kard tal-ħlas, strument ta' flus elettroniċi, jew telefown ċellulari, jew kwalunkwe apparat diġitali jew apparat tal-IT ieħor b'karatteristiċi simili mħallas minn qabel jew li jitħallas wara; u

(b) kull tranżazzjoni b'mezzi mhux elettroniċi bħal flus kontanti, ċekkijiet jew ordnijiet ta' kontabbiltà, bil-ħsieb li fondi jsiru disponibbli lil min jitħallas irrispettivament minn jekk dak li jħallas u dak li jitħallas ikunux l-istess persuna.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u tan-negozju għat-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti bl-euro u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009 (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 22).

▼B

(24) “bastiment bl-ekwipaġġ mir-RDPK” tfisser:

(a) bastiment li l-ekwipaġġar tiegħu huwa kkontrollat minn:

(i) persuna fiżika li jkollha n-nazzjonalità tar-RDPK; jew

(ii) persuna ġuridika, entità jew korp inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi tar-RDPK;

(b) bastiment bl-ekwipaġġ magħmul kompletament minn ċittadini tar-RDPK.

KAPITOLU II

Restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni u l-importazzjoni

Artikolu 3

1. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni, diretti jew indiretti, tal-prodotti u t-teknoloġija, inkluż software, elenkati fl-Anness II, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-RDPK jew għall-użu fiha;

(b) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' fjuwil għall-avjazzjoni, direttament jew indirettament, kif elenkat fl-Anness III lir-RDPK jew it-trasport lill-RDPK ta' fjuwil għall-avjazzjoni abbord il-bastimenti jew l-ajruplani li jtajru l-bandiera ta' Stati Membri, kemm jekk joriġina fit-territorji ta' Stati Membri kif ukoll jekk le;

(c) l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, tal-prodotti u t-teknoloġija elenkati fl-Anness II mir-RDPK, kemm jekk joriġinaw mir-RDPK, kif ukoll jekk le;

(d) l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, tad-deheb, mineral tat-titanju, mineral tal-vanadju u minerali terrestri rari, kif elenkati fl-Anness IV, mir-RDPK, kemm jekk joriġinaw mir-RDPK, kif ukoll jekk le;

(e) l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment, direttament, il-faħam, il-ħadid jew il-mineral tal-ħadid, kif elenkati fl-Anness V, mir-RDPK, kemm jekk joriġinaw mir-RDPK, kif ukoll jekk le;

(f) l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, mir-RDPK ta' prodotti petrolifiċi, kif elenkati fl-Anness VI, kemm jekk joriġinaw fir-RDPK, kif ukoll jekk le; u

(g) l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, ta' ram, nikil, fidda u żingu kif elenkati fl-Anness VII, mir-RDPK, kemm jekk joriġinaw fir-RDPK, kif ukoll jekk le;

2. It-Taqsima I tal-Anness II għandha tinkludi kull oġġett, materjal, tagħmir, prodotti u teknoloġija, inkluż softwer, li huma oġġetti jew teknoloġija b'użu doppju kif definit fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 ([1]).

It-Taqsima II tal-Anness II għandha tinkludi oġġetti, materjali, tagħmir, prodotti u teknoloġija oħrajn li jistgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal- 5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju (ĠU L 134, 29.5.2009, p.1).

▼B

It-Taqsima III tal-Anness II għandha tinkludi ċerti komponenti ewlenin għas-settur tal-missili ballistiċi.

It-Taqsima IV tal-Anness II għandha tinkludi oġġetti, materjali, tagħmir, prodotti u teknoloġija marbuta mal-armi ta' qerda massiva nnominati, skont il-paragrafu 25 tal-UNSCR 2270 (2016).

It-Taqsima V tal-Anness II għandha tinkludi oġġetti, materjali, tagħmir, prodotti u teknoloġija marbuta mal-armi ta' qerda massiva nnominati, skont il-paragrafu 4 tal-UNSCR 2321 (2016).

▼M1

It-Taqsima VI tal-Anness II għandha tinkludi oġġetti, materjali, tagħmir, prodotti u teknoloġija relatati ma' armi ta' qerda massiva ddeżinjata, skont il-paragrafu 4 tar-Riżoluzzjoni 2371 (2017) tal-KSNU.

▼M3

Il-Parti VII tal-Anness II għandha tinkludi l-prodotti, materjali, apparat, oġġetti u teknoloġija ddeżinjati konnessi mal-armi konvenzjonali, skont il-paragrafu 5 tal-UNSCR 2371 (2017).

Il-Parti VIII tal-Anness II għandha tinkludi l-prodotti, materjali, apparat, oġġetti u teknoloġija ddeżinjati konnessi mal-armi tal-qerda massiva, skont il-paragrafu 4 tal-UNSCR 2375 (2017).

Il-Parti IX tal-Anness II għandha tinkludi l-prodotti, materjali, apparat, oġġetti u teknoloġija ddeżinjati konnessi mal-armi konvenzjonali, skont il-paragrafu 5 tal-UNSCR 2375 (2017).

▼B

L-Anness III għandu jinkludi l-fjuwil għall-avjazzjoni msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1.

L-Anness IV għandu jinkludi d-deheb, il-mineral tat-titanju, il-mineral tal-vanadju u l-minerali terrestri rari msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 1.

L-Anness V għandu jinkludi l-faħam, il-ħadid u l-mineral tal-ħadid imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1.

L-Anness VI għandu jinkludi l-prodotti petrolifiċi msemmija fil-punt (f) tal-paragrafu 1.

L-Anness VII għandu jinkludi r-ram, in-nikil, il-fidda u ż-żingu msemmija fil-punt (g) tal-paragrafu 1.

3. Il-projbizzjoni msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika fir-rigward tal-bejgħ jew il-forniment ta' fjuwil għall-avjazzjoni lill-inġenji tal-ajru ċivili tal-passiġġieri barra r-RDPK esklużivament għall-konsum matul it-titjira tagħhom lejn ir-RDPK u r-ritorn tagħhom lejn l-ajruport ta' oriġini.

Artikolu 4

1. B'deroga mill-punt (b) tal-Artikolu 3(1), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment jew it-trasferiment tal-fjuwil tal-avjazzjoni, dment li l-Istat Membru jkun kiseb l-approvazzjoni bil-quddiem mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet b'mod eċċezzjonali skont il-każ individwali għat-trasferiment lejn ir-RDPK ta' tali prodotti għal ħtiġijiet umanitarji vverifikati bħala essenzjali u soġġetti għal arranġamenti speċifiċi għall-monitoraġġ effettiv tal-kunsinna u l-użu.

▼M1

2. B'deroga mill-punt (e) tal-Artikolu 3(1), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment ta' faħam, dment li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jkunu ddeċidew, fuq il-bażi ta' informazzjoni kredibbli, li l-vjeġġ oriġina barra r-RDPK u ġie ttrasportat minn ġewwa r-RDPK biss għal esportazzjoni mill-Port ta' Rajin (Rason), li l-istat li jesporta jkun innotifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet minn qabel b'tali tranżazzjonijiet, u li t-tranżazzjonijiet ma jkunux relatati mal-ġenerazzjoni ta' introjtu għall-programmi nukleari jew tal-missili ballistiċi tar-RDPK, u attivitajiet oħra pprojbiti mill-UNSCRs 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016), 2356 (2017) jew 2371(2017), jew minn dan ir-Regolament.

▼B

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 5

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, lir-RDPK ta' kull oġġett, għajr ikel jew mediċina, jekk l-esportatur ikun jaf jew ikollu raġunijiet raġonevoli biex jemmen li:

(a) l-oġġett ikun destinat direttament jew indirettament għall-forzi armati tar-RDPK; jew

(b) l-esportazzjoni tal-oġġett tista' tappoġġa jew ittejjeb il-kapaċitajiet operazzjonali tal-forzi armati ta' Stat ieħor barra r-RDPK.

2. Għandu jkun ipprojbit l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport mir-RDPK ta' oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 jekk l-esportatur ikun jaf jew ikollu raġunijiet raġonevoli biex jemmen li waħda mir-raġunijiet fil-punt (a) jew (b) tal-paragrafu 1 tkun issodisfata.

Artikolu 6

1. B'deroga mill-Artikolu 5, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġett lir-RDPK, jew l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport mir-RDPK, fejn:

(a) l-oġġett ma jkunx relatat mal-produzzjoni, l-iżvilupp, il-manutenzjoni jew l-użu ta' prodotti militari, jew l-iżvilupp jew il-manteniment ta' persunal militari, u l-awtorità kompetenti tkun iddeterminat li l-oġġett ma jkunx jikkontribwixxi direttament għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet operazzjonali tal-forzi armati tar-RDPK jew għal esportazzjonijiet li jappoġġaw jew itejbu l-kapaċitajiet operazzjonali ta' forzi armati ta' pajjiż terz ieħor barra r-RDPK;

(b) il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun iddetermina li forniment, bejgħ jew trasferiment partikolari ma jmurx kontra l-objettivi tal-UNSCR 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016) jew 2321 (2016); jew

(c) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tkun sodisfatta li l-attività tkun esklużivament għal skopijiet li jkunu jew umanitarji jew ta' għajxien, li ma tintużax minn persuni, entitajiet jew korpi tar-RDPK biex jiġġeneraw introjtu, u ma tkun relatata ma' ebda attività pprojbita mill-UNSCR 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016) jew 2321 (2016), dment li l-Istat Membru

▼B

jinnotifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet minn qabel dwar tali determinazzjoni u jinforma lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet dwar il-miżuri meħuda biex tiġi evitata d-devjazzjoni tal-oġġett għal kwalunkwe skop ipprojbit.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni skont dan l-Artikolu minn tal-inqas ġimgħa qabel l-għoti tal-awtorizzazzjoni.

Artikolu 7

1. Għandu jkun ipprojbit:

(a) li tkun ipprovduta, direttament jew indirettament, assistenza teknika u servizzi ta' senserija relatati mal-prodotti u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Komuni tal-UE ta' Tagħmir Militari jew fl-Anness II, u relatati mal-provvista, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' prodotti elenkati fil-Lista Komuni tal-UE ta' Tagħmir Militari jew fl-Anness II, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-RDPK, jew għall-użu fir-RDPK;

(b) il-forniment, dirett jew indirett, ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' prodotti u teknoloġija elenkati fil-Lista Komuni tal-UE ta' Tagħmir Militari jew fl-Anness II, inklużi partikolarment għotjiet, self u assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, għal kull bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawn l-oġġetti, jew għal kull għoti ta' għajnuna teknika relatata lil xi persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-RDPK jew għall-użu fir-RDPK;

(c) l-akkwist, direttament jew indirettament, ta' assistenza teknika relatata mal-prodotti u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Komuni tal-UE ta' Tagħmir Militari jew fl-Anness II, u għall-provvista, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' prodotti elenkati fil-Lista Komuni tal-UE ta' Tagħmir Militari jew fl-Anness II, minn xi persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-RDPK, jew għall-użu, fir-RDPK;

(d) l-akkwist, dirett jew indirett, ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' prodotti u teknoloġija elenkati fil-Lista Komuni tal-UE ta' Tagħmir Militari jew fl-Anness II, inklużi partikolarment għotjiet, self u assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni, għal kull bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawn l-oġġetti, jew għal kull forniment ta' għajnuna teknika relatata minn xi persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-RDPK jew għall-użu fir-RDPK.

2. Il-projbizzjonijiet imniżżlin fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għal vetturi mhux ta' kumbattiment manifatturati jew mgħammra b'materjali biex jipprovdu protezzjoni ballistika, maħsubin esklużivament għall-użu protettiv tal-persunal tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fir-RDPK.

Artikolu 8

1. B'deroga mill-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 7(1), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, bit-termini u l-kundizzjonijiet li jqisu li huma xierqa, il-forniment dirett jew indirett, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u tat-teknoloġija, inkluż software, imsemmija fil-punt (a) u (b) tal-Artikolu 3(1) jew tal- assistenza

▼B

jew tas-servizzi ta' senserija msemmija fl-Artikolu 7(1), dment li l-prodotti u t-teknoloġija, l-assistenza jew is-servizzi ta' senserija jkunu għall-finijiet tal-ikel, tal-agrikoltura, mediċi jew għal finijiet umanitarji oħrajn.

2. B'deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 3(1), u l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 7(1), l-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw it-tranżazzjonijiet imsemmija hemmhekk, taħt tali kundizzjonijiet li huma jikkunsidraw adatti u dment li l-KSNU jkun approva t-talba.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe talba għal approvazzjoni ppreżentata lill-KSNU skont il-paragrafu 3.

4. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni fi żmien erba' ġimgħat bl-awtorizzazzjonijiet mogħtija skont dan l-Artikolu.

Artikolu 9

1. Flimkien mal-obbligu li l-awtoritajiet doganali kompetenti jiġu pprovduti bl-informazzjoni ta' qabel il-wasla u wara t-tluq kif stabbilit fid-dispożizzjonijiet rilevanti li jirrigwardaw id-dikjarazzjonijiet sommarji tad-dħul u l-ħruġ flimkien mad-dikjarazzjonijiet tad-dwana fir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 ([2]) u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([3]), il-persuna li tipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiddikjara jekk l-prodotti jkunux koperti mil-Lista Komuni tal-UE ta' Tagħmir Militari jew minn dan ir-Regolament u, meta l-esportazzjoni tagħhom tkun suġġetta għal awtorizzazzjoni, tispeċifika l-prodotti u t-teknoloġija koperti mill-liċenzja tal-esportazzjoni mogħtija.

2. L-informazzjoni addizzjonali meħtieġa għandha tiġi ppreżentata bl-użu ta' dikjarazzjoni doganali elettronika jew, fin-nuqqas ta' tali dikjarazzjoni, fi kwalunkwe forma oħra elettronika jew miktuba, kif xieraq.

Artikolu 10

1. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' prodotti ta' lussu lejn ir-RDPK, kif elenkati fl-Anness VIII;

(b) l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment mir-RDPK, direttament jew indirettament, ta' prodotti ta' lussu, kif elenkati fl-Anness VIII, kemm jekk joriġinaw mir-RDPK, kif ukoll jekk le.

2. Il-projbizzjoni msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-oġġetti personali tal-vjaġġaturi jew għal prodotti ta' natura mhux kummerċjali għall-użu personali tal-vjaġġaturi li jkunu fil-bagalji tagħhom.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

▼B

3. Il-projbizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għal prodotti li jkunu meħtieġa għal finijiet uffiċjali tal-missjonijiet diplomatiċi jew konsulari tal-Istati Membri fir-RDPK jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet skont id-dritt internazzjonali, jew l-effetti personali tal-persunal tagħhom.

4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, fil-kundizzjonijiet li jqisu li huma xierqa, tranżazzjoni fir-rigward ta' prodotti msemmija fil-punt (17) tal-Anness VIII dment li l-prodotti jkunu għal finijiet umanitarji.

Artikolu 11

Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' deheb, metalli prezzjużi u djamanti, kif elenkat fl-Anness IX, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil jew għall-Gvern tar-RDPK, il-korpi pubbliċi, korporazzjonijiet u aġenziji tiegħu, il-Bank Ċentrali tar-RDPK u kwalunkwe persuna, entità jew korp li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew lil kwalunkwe entità jew korp li jappartjenu lilhom jew li jkunu kkontrollati minnhom;

(b) l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport, direttament jew indirettament, ta' deheb, metalli prezzjużi u djamanti, kif elenkati fl-Anness IX, kemm jekk joriġinaw fir-RDPK kif ukoll jekk le, mill-Gvern tar-RDPK, mill-korpi pubbliċi, korporazzjonijiet u aġenziji tiegħu, mill-Bank Ċentrali tar-RDPK u minn kull persuna, entità jew korp li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew minn kull entità jew korp li jappartjenu lilhom jew li jkunu kkontrollati minnhom;

(c) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' assistenza teknika jew ta' servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, relatati mal-prodotti msemmija fil-punti (a) u (b), lill-Gvern tar-RDPK, lill-korpi pubbliċi, korporazzjonijiet u aġenziji tiegħu, lill-Bank Ċentrali tar-RDPK u lil kwalunkwe persuna, entità jew korp li jaġixxu f'isimhom jew b'ordni minnhom, jew lil xi entità jew korp li huma proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom.

Artikolu 12

Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' karti tal-flus u muniti ġodda, li għadhom kemm ġew stampati jew li għadhom ma ħarġux, b'denominazzjoni tar-RDPK, lil jew għal benefiċċju tal-Bank Ċentrali tar-RDPK.

Artikolu 13

Għandu jkun ipprojbit l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment mir-RDPK, direttament jew indirettament, ta' statwi kif elenkati fl-Anness X, kemm jekk joriġinaw mir-RDPK kif ukoll jekk le.

Artikolu 14

B'deroga mill-projbizzjoni fl-Artikolu 13, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment, dment li l-Istat Membru kkonċernat ikun kiseb l-approvazzjoni bil-quddiem mingħand il-Kumitat tas-Sanzjonijiet, skont il-każ individwali.

▼B

Artikolu 15

Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, b'mod dirett jew indirett, ta' ħelikopters u bastimenti, kif elenkati fl-Anness XI lir-RDPK.

Artikolu 16

B'deroga mill-projbizzjoni fl-Artikolu 15, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw dan il-bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni, dment li l-Istat Membru jkun kiseb l-approvazzjoni bil-quddiem mingħand il-Kumitat tas-Sanzjonijiet skont il-każ individwali.

▼M11

Artikolu 16a

1. Għandhom ikunu pprojbiti l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, mir-RDPK, ta' frott tal-baħar, inkluż ħut, krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn fil-forom kollha, kif elenkat fl-Anness XIa, kemm jekk ikunu joriġinaw mir-RDPK kif ukoll jekk le.

2. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri jew it-trasferiment, b'mod dirett jew indirett tad-drittijiet tas-sajd mir-RDPK.

▼M1

Artikolu 16b

Għandhom ikunu pprojbiti l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, mir-RDPK, ta' ċomb u ta' minerali taċ-ċomb, kif elenkat fl-Anness XIb, kemm jekk joriġina mir-RDPK kif ukoll jekk le.

▼M3

Artikolu 16c

Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, b'mod dirett jew indirett, ta' kondensati u likwidi tal-gass naturali, kif elenkati fl-Anness XIc, lir-RDPK.

▼M11

Artikolu 16d

Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, b'mod dirett jew indirett, ta' kull prodott petrolifiku raffinat, kif elenkati fl-Anness XId, kemm jekk joriġina fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lir-RDPK.

Artikolu 16e

1. B'deroga mill-Artikolu 16d, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw tranżazzjonijiet ta' prodotti petrolifiċi raffinati li jkun determinat li huma esklussivament għal skopijiet ta' għajxien, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) it-tranżazzjonijiet ma jkunux jinvolvu individwi jew entitajiet li huma assoċjati mal-programmi nukleari jew ta' missili ballistiċi tar-RDPK jew attivitajiet oħrajn ipprojbiti mill-UNSCR 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016), 2356 (2017), 2371 (2017), 2375 (2017) jew 2397 (2017), inkluż il-persuni, l-entitajiet u l-korpi elenkati fl-Annessi XIII, XV, XVI u XVII;

▼M11

(b) it-tranżazzjoni ma tkunx relatata mal-ġenerazzjoni ta' introjtu għall-programmi nukleari jew tal-missili ballistiċi tar-RDPK jew ma' attivitajiet oħrajn ipprojbiti mill-UNSCRs 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016), 2356 (2017), 2371 (2017), 2375 (2017) jew 2397 (2017);

(c) il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ma jkunx innotifika lill-Istati Membri li jkun intlaħaq id-90 % tal-limitu aggregat annwali; u

(d) l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet bl-ammont tal-esportazzjoni u bl-informazzjoni lill-partijiet kollha fit-tranżazzjoni kull 30 jum.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1.

Artikolu 16f

Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, b'mod dirett jew indirett, taż-żejt grezz, kif elenkati fl-Anness XIe, kemm jekk joriġina fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lir-RDPK.

▼M4

Artikolu 16g

▼M11

1. B'deroga mill-Artikolu 16f, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw tranżazzjonijiet ta' żejt grezz, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tkun iddeterminat li t-tranżazzjoni tkun esklużivament għal finijiet umanitarji; u

(b) l-Istat Membru jkun kiseb l-approvazzjoni bil-quddiem mingħand il-Kumitat tas-Sanzjonijiet skont il-każ individwali, skont il-paragrafu 4 tal-UNSCR 2397 (2017).

▼M4

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1.

▼M3

Artikolu 16h

Għandhom ikunu pprojbiti l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, mir-RDPK, ta' tessili, kif elenkati fl-Anness XIf, kemm jekk ikunu joriġinaw mir-RDPK kif ukoll jekk le.

Artikolu 16i

1. B'deroga mill-Artikolu 16h, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment ta' tessili, sakemm l-Istat Membru jkun kiseb l-approvazzjoni bil-quddiem mingħand il-Kumitat tas-Sanzjonijiet, skont il-każ individwali.

2. B'deroga mill-Artikolu 16h, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment ta' tessili sa mhux aktar tard mill-10 ta' Diċembru 2017, sakemm:

▼M3

(a) l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment ikun dovut bis-saħħa ta' kuntratt bil-miktub li jkun sar qabel il-11 ta' Settembru 2017; u

(b) l-Istat Membru kkonċernat jinnotifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet bid-dettalji ta' tali importazzjoni, xiri jew trasferiment mhux aktar tard mill-24 ta' Jannar 2018.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 1 u 2.

▼M11

Artikolu 16j

Għandhom ikunu pprojbiti l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, prodotti tal-ikel u agrikoli elenkati fl-Anness XIg mir-RDPK, kemm jekk joriġinaw mir-RDPK kif ukoll jekk le.

Artikolu 16k

Għandhom ikunu pprojbiti l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, tal-makkinarju u tagħmir elettriku elenkati fl-Anness XIh mir-RDPK, kemm jekk joriġinaw mir-RDPK kif ukoll jekk le.

Artikolu 16l

Għandhom ikunu pprojbiti l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, tal-ħamrija u ġebel, inkluż il-manjeżit u l-manjeżja elenkati fl-Anness XIi mir-RDPK, kemm jekk joriġinaw mir-RDPK kif ukoll jekk le.

Artikolu 16m

Għandhom ikunu pprojbiti l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, tal-injam elenkat fl-Anness XIj mir-RDPK, kemm jekk joriġina mir-RDPK kif ukoll jekk le.

Artikolu 16n

Għandhom ikunu pprojbiti l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, tal-bastimenti elenkati fl-Anness XIk mir-RDPK, kemm jekk joriġinaw mir-RDPK kif ukoll jekk le.

Artikolu 16o

1. B'deroga mill-Artikoli 16j, sa 16n, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment ta l-oġġetti msemmija f'dawk l-Artikoli sa mhux aktar tard mill-21 ta' Jannar 2018, sakemm:

(a) l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment ikun dovut bis-saħħa ta' kuntratt bil-miktub li jkun sar qabel it-22 ta' Diċembru 2017; u

(b) l-Istat Membru kkonċernat jinnotifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet bid-dettalji ta' tali importazzjoni, xiri jew trasferiment mhux aktar tard mill-5 ta' Frar 2018.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1.

▼M11

Artikolu 16p

Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, lir-RDPK, direttament jew indirettament, ta' kull makkinarju industrijali, u ħadid, azzar u metalli oħra elenkati fil-Parti A tal-Anness XII, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le.

Artikolu 16q

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-esportazzjoni ta' spare parts meħtieġa biex jinżamm l-operat sikur tal-inġenji tal-ajru ċivili tal-passiġġieri kummerċjali tar-RDPK tal-mudelli u t-tipi ta' inġenji tal-ajru elenkati fil-parti B tal-Anness XII.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1.

▼B

KAPITOLU III

Restrizzjonijiet fuq Ċerti Attivitajiet Kummerċjali

Artikolu 17

1. Għandu jkun ipprojbit, fit-territorju tal-Unjoni, li jiġi aċċettat jew approvat l-investiment fi kwalunkwe attività kummerċjali, fejn tali investiment isir minn:

(a) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi tal-Gvern tar-RDPK;

(b) il-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea;

(c) ċittadini tar-RDPK;

(d) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi tar-RDPK;

(e) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jaġixxu f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' persuni, entitajiet jew korpi msemmija fil-punti (a) sa (d); u

(f) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi proprjetà tal-persuni fiċiżi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fil-punti (a) sa (d), jew ikkontrollati minnhom;

2. Għandu jkun ipprojbit:

▼M4

(a) l-istabbiliment, iż-żamma jew l-operazzjoni ta' impriża konġunta jew ta' entità kooperattiva ma' kwalunkwe persuni fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1 jew li huma ddomiċiljati fir-RDPK, jew it-teħid, iż-żamma jew l-għoti ta' interessi titolari, inkluż l-akkwist b'mod sħiħ jew l-akkwist ta' ishma u ta' titoli oħrajn ta' natura parteċipattiva fi kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li huma imsemmija fil-paragrafu 1 jew li huma ddomiċiljati fir-RDPK, jew f'attivitajiet jew assi fir-RDPK;

▼B

(b) l-għoti ta' fondi jew assistenza finanzjarja lil kull persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li ssir referenza għalihom fil-punti (d) sa (f) tal-paragrafu 1 jew għall-iskop dokumentat li jiġu ffinanzjati dawk il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi;

(c) il-provvista ta' servizzi ta' investiment marbuta direttament jew indirettament mal-attivitajiet imsemmija fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu; u

(d) il-parteċipazzjoni, direttament jew indirettament, f'impriżi konġunti jew fi kwalunkwe arranġament ieħor ta' negozju ma' entitajiet elenkati fl-Anness XIII, kif ukoll ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jaġixxu għalihom jew f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom.

▼M3

3. Impriżi konġunti jew entitajiet kooperattivi eżistenti li ssir referenza għalihom fil-punt (a) tal-paragrafu 2 għandhom jingħalqu sad-9 ta' Jannar 2018, jew fi żmien 120 jum wara li l-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun irrfjuta talba għall-approvazzjoni.

▼M4

Artikolu 17a

1. B'deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 17(2), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw tali attivatajiet, b'mod partikolari dawk rigward impriżi konġunti jew entitajiet kooperattivi li mhumiex kummerċjali, proġetti ta' infrastruttura ta' utilità pubblika li ma jiġġenerawx profitt, dment li l-Istat Membru ikun kiseb l-approvazzjoni bil-quddiem tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet skont il-każ.

2. B'deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 17(2), u sakemm ma jirrigwardawx impriżi konġunti jew entitajiet kooperattivi, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw tali attivitajiet, dment li l-Istat Membru jkun iddetermina li dawk l-attivitajiet huma esklussivament għal finijiet umanitarji, u mhumiex fis-setturi tal-industrija tat-tħaffir tal-minjieri, tar-raffinar, kimika, tal-metallurġija jew tax-xogħol tal-metall, ajruspazjali jew fl-industriji relatati mal-armi konvenzjonali.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 1 jew 2.

▼M3

Artikolu 17b

B'deroga mill-Artikolu 17(3), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw tali impriża konġunta jew entità kooperattiva biex tibqa' operattiva, sakemm l-Istat Membru jkun akkwista l-approvazzjoni minn qabel tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet skont il-każ individwali.

▼B

Artikolu 18

1. Għandu jkun ipprojbit:

(a) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' kull servizz inċidentali għall-minjieri jew ta' kull servizz inċidentali għall-manifatturar fl-industrija kimika, tal-minjieri u tar-raffinament, imsemmi fil-parti A tal-Anness XII, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-RDPK, jew għall-użu fir-RDPK; u

▼B

(b) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati kif imsemmi fil-parti B tal-Anness XII, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Korea ta' Fuq, jew għall-użu fir-RDPK.

2. Il-projbizzjoni fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika fir-rigward ta' servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati, sa fejn tali servizzi jkunu maħsuba biex jintużaw esklużivament għall-iskopijiet uffiċjali ta' missjoni diplomatika jew konsulari jew għal organizzazzjoni internazzjonali li tgawdi minn immunitajiet fir-RDPK skont id-dritt internazzjonali.

3. Il-projbizzjoni fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika fir-rigward tal-għoti ta' servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati minn korpi pubbliċi jew minn persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jirċievu fondi pubbliċi mill-Unjoni jew Stati Membri biex jipprovdu dawn is-servizzi għal skopijiet ta' żvilupp li jindirizzaw direttament il-ħtiġijiet tal-popolazzjoni ċivili jew il-promozzjoni tad-denuklearizzazzjoni.

Artikolu 19

1. B'deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 18(1), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-għoti ta' servizzi inċidentali għall-minjieri u l-għoti ta' servizzi inċidentali għall-manifattura fl-industriji tal-kimiċi, tal-minjieri u tar-raffinament, sa fejn tali servizzi jkunu maħsuba biex jintużaw esklużivament għal skopijiet ta' żvilupp li jindirizzaw direttament il-ħtiġijiet tal-popolazzjoni ċivili jew il-promozzjoni tad-denuklearizzazzjoni.

2. F'każijiet mhux koperti mill-Artikolu 18(3), u b'deroga mill-punt (b) tal-Artikolu 18(1), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw il-provvista ta' servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati, sa fejn dawk is-servizzi jkunu maħsuba biex jintużaw esklużivament għal skopijiet ta' żvilupp li jindirizzaw direttament il-ħtiġijiet tal-popolazzjoni ċivili jew il-promozzjoni tad-denuklearizzazzjoni.

Artikolu 20

1. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-kera jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni b'mod ieħor ta' proprjetà immobbli, direttament jew indirettament, lil persuni, entitajiet, jew korpi tal-Gvern tar-RDPK, għal kwalunkwe skop għajr attivitajiet diplomatiċi jew konsulari, skont il-Konvenzjoni ta' Vjenna tal-1961 dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi u l-Konvenzjoni ta' Vjenna tal-1963 dwar ir-Relazzjonijiet Konsulari;

(b) il-kera ta' proprjetà immobbli, b'mod dirett jew indirett, mingħand persuni, entitajiet jew korpi tal-Gvern tar-RDPK; u

(c) l-involviment fi kwalunkwe attività marbuta mal-użu ta' proprjetà immobbli li persuni, entitajiet jew korpi tal-Gvern tar-RDPK jkunu sidien tagħha, jikruha jew ikunu intitolati b'mod ieħor li jużawha, minbarra għall-provvista ta' prodotti u servizzi li:

(i) huma essenzjali għall-funzjonament ta' missjonijiet diplomatiċi jew karigi konsulari, skont il-Konvenzjonijiet ta' Vjenna tal-1961 u l-1963; u

